

**DEĊIJONI (UE) 2016/1507 TAL-PARLAMENT EWROPEW****tat-28 ta' April 2016**

**dwar il-kwittanza għall-implementazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Bankarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2014**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Awtorità Bankarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2014,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Audituri dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità Bankarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2014, flimkien mar-risposta tal-Awtorità (¹),
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni (²) dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Audituri għas-sena finanzjarja 2014 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra r-rakkmandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2016 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Awtorità fir-rigward tal-implementazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2014 (05584/2016 — C8-0086/2016),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbi għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (³), u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (⁴), u b'mod partikolari l-Artikolu 64 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (⁵),
  - wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁶), u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 94 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A8-0090/2016),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Bankarja Ewropea għall-implementazzjoni tal-baġit tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2014;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;

(¹) ĠU C 409, 9.12.2015, p. 111.

(²) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1.

(³) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

(⁴) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12.

(⁵) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

(⁶) ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Bankarja Ewropea, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Audituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*

Martin SCHULZ

*Is-Segretarju ġeneral*

Klaus WELLE

---